# 20. Meta n-Nannu Mar tax-Xjuħ

Nannu għażiż,
niftakar il-jum
meta inti mort tax-Xjuħ,
daqs kieku kien illum,
għalkemm ilu
aktar minn erbgħin sena!
Il-flus naqsuk, u x-xilef ta' wliedek
ma seta' jlaħħaq
sabiex iżommok.
Inti kont ħdimt bil-ħeġġa ta' rġulitek
fuq l-art u fuq il-baħar,
u rajt il-għarqa
mijiet ta' drabi;
iżda l-qligħ
ta' għaraq ġbinek mar fil-but ta' sidek,
u int bqajt dejjem fqir
u tgħix ħażin ħażin.

Li kieku ridt,
stajt begħt id-dar, u tgħix bil-flus li ddaħħal
għal ftit snin oħra,
iżda int ma ridtx tarana
barra mid-dar li bnejt bil-għaraq tiegħek,
u għażilt
li tgħix fid-dar tax-xjuħ,
fil-bard u l-kesħa
ta' sala kbira,
qalb l-irwejjaħ,
mifrud mill-għeżież tiegħek.

Wasal il-jum;
inti qomt kmieni,
u lbist il-qorq u l-aħjar ilbies tiegħek,
u b'sorra f'idek
inżilt it-taraġ…
U waqa' skiet u ħemda
qishom tal-mewt …
kull kelma kienet tofsod
lill-qalb muġugħha …

u kull ma għidt: "jien sejjer",
u ommi, bħala faraġ
għaliha kemm għalik, qaltlek: "jien niġi
narak il-Ħadd li ġej."

U ħriġt mid-dar;
jien ġejt warajk għalkemm ma ridtnix niġi …
Niftakar…
kif ħriġt mid-dar u mxejt xi ħames passi
inti waqaft
u dort,
u lejn id-dar għażiża –
fejn mietet martek,
fejn rabbejt 'l uliedek,
u fejn lgħabt magħna tfal u għidt il-ħrejjef
ta' Malta tagħna –
tajt l-aħħar ħarsa,
tajtha l-aħħar tislima …
Kull tant kemm hi f'saħħitha
il-qalb tal-bniedem
li tibqa' tgħix u tħabbat
u ma tiqafx sabiex iġġagħlu jixrob
l-imrar tal-ħajja kollu!

Bqajna mixjin flimkien sakemm wasalna
ħdejn il-karozza,
u għidtli:
"Mur ibni; tkun imbierek."
Jien infqajt nibki, u l-bikja żgħira tiegħi
qasmet lil qalbek,
u għajnejk demmgħu
żewġ demgħat kbar.
Bil-maktur f'idek
int tlajt bil-mod il-mod ġewwa l-karozza
u jien bqajt wieqaf hemm naraha sejra,
tiċkien fil-bogħod 'il bogħod
sakemm
għabet
għal kollox.